18 ta' Mejju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Carmelo Sammut *versus* Calcedonio Abela

**Board tal-Kera — Sentenza — Ommessa Deċiżjoni — Nullità**

*Meta l-Board tal-Kera jippronunzja s-sentenza tiegħu, il-funzjoni ġurisdizzjonali fuq dak ir-rikors tkun spiċċat, u ma jistgħux isiru aġġunti f'dik is-sentenza wara li tkun inqrat mill-Board, jekk ma tkunx saret talba lill-istess Board għar-reintegrazzjoni tad-deċiżjoni minħabba ommissjoni ta' deċiżjoni. Aġġunta simili fis-sentenza tkun saret "ultra vires".*

*Konsegwentement, jekk fis-sentenza l-Board tal-Kera ma jiddeċidix il-kap tal-ispejjeż, u dan jiżdied wara li tkun ġiet pronunzjata s-sentenza mingħajr talba għal hekk skond il-liġi, dik l-aġġunta hija mingħajr effett ġuridiku.*

*Dan, però, ma jivvizzjax is-sentenza mingħajr dik l-aġġunta. Jista' jkun każ ta' ommessa deċiżjoni, imma ma jwassalx għan-nullità tas-sentenza, kif ma jwassalx għan-nullità ta' att kwalsijasi interpolazzjoni li ssir fih.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi fis-sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera fil-Gżira ta' Malta mogħtija fl-4 ta' Lulju 1956, li kopja legali tagħha tinsab unita maċ-ċitazzjoni (dok. A), ma giex mogħti ebda ordni fuq il-kap tal-ispejjeż, iżda, wara illi l-istess sentenza kienet pronunzjata u firmata mid-Deputat Reġistratur, u mingħajr ebda talba analoga, fl-istess sentenza ġew interpolati l-kelmiet "spejjeż mingħajr taxxa — onorarju nofs lira tal-lum u ħames xelini għal kull seduta oħra, kollox ma jeċċedix xahar kera", fuq l-atti tar-rikors preżentat

mill-konvenut odjern għar-ripreża tal-pussess tal-fond detenut mill-attur; u premessa kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa u mogħti kwalunkwe provvediment opportun, talab illi tiġi, għall-motiv premess jew għal kwalunkwe motiv ieħor valevoli, dikjarata minn din il-Qorti nulla l-istess sentenza. Bl-ispejjeż, u bl-ordni liċ-ċitat li jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mid-dokument fil-fol. 5 tal-proċess, li hu kopja uffiċjali ta' deċiżjoni tal-Board li Jirregola l-Kera fl-ismijiet "Calcedonio Abela vs. Carmelo Sammut", jidher li l-Board laqa' t-talba tar-rikorrent, li huwa l-konvenut f'din il-kawża, tal-fond no. 105 Main Street, Dingli, taħt il-kondizzjonijiet hemm indikati. Jidher ukoll mill-istess dokument li l-Board ordna illi l-ispejjeż ikunu mingħajr taxxa, onorarju nofs lira għas-seduta ta' dak inhar tad-deċiżjoni u ħames xelini għal kull seduta oħra, kollox li ma jeċċedix xahar kera;

Illi l-attur isostni li dik il-parti tad-deċiżjoni kontenuta fil-kliem "Spejjeż mingħajr taxxa — Onorarju nofs lira tal-lum u ħames xelini għal kull seduta oħra, kollox li ma jeċċedix xahar kera", ġiet miżjuda miċ-Chairman tal-Board wara li huwa iffirma l-istess deċiżjoni u kkonsenjaha lid-Deputat Reġistratur, li wkoll laħaq iffirmaha u qegħdha għad-dispożizzjoni ta' min ried jaraha; u illi b'dal-mod l-istess parti tal-deċiżjoni hija nulla, u hija nulla b'hekk id-deċiżjoni kollha;

Illi l-provi juru li l-kliem fuq riportati ġew aġġunti, kif sostna l-attur, xi għaxar minuti wara li ġiet pronunzjata d-deċiżjoni;

Ikkunsidrat;

Illi fil-munment li saret dik l-aġġunta, il-funzjoni ġuris-

dizzjonali tal-Board fuq ir-rikors relativ kienet diġà eżawrita, u ma kien hemm ebda talba quddiem l-istess Board, talvolta, għar-reintegrazzjoni tad-deċiżjoni minħabba omissjoni, taħt l-art. 233 tal-Proċedura Ċivili, kif applikabbli għall-istess Board. B'dan il-mod, dik l-aġġunta saret "ultra vires". "Judex postea quam sententiam dixit, postea judex esse desinit, et hoc jure desinit, et hoc jure, ut judex, qui semel vel pluris vel minoris condemnavit, amplius corrigere sententiam suam non posset; semel enim male seu bene officio functus est" (Ulpiano, L.55, D. de jure judic.);

Illi dan, però, għalkemm jirrendi mingħajr ebda effett ġuridiku dik l-aġġunta, ma jivvizzjax id-deċiżjoni mingħajr l-istess aġġunta, li kontra tagħha, weħedha, l-attur ma qajjem ebda lanjanza. Dik l-ommissjoni tista' talvolta tikkostitwixxi l-każ ta' "omessa decisione", li mhuwiex meritu ta' dil-Qorti; imma ma twassalx għan-nullità ta' dak li l-Board kien iddeċieda qabel l-aġġunta, kif ma twassalx għan-nullità ta' att kwalsijasi interpolazzjoni li ssir fih;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Taqta' l-kawża;

Billi tiddikjara illi l-kliem "Spejjeż mingħajr taxxa; onorarju nofs lira tal-lum u ħames xelini għal kull seduta oħra, kollox li ma jeċċedix xahar kera", li jidhru bħala parti mid-deċiżjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni, mhumiex, għall-effetti ġuridiċi kollha, parti mill-istess deċiżjoni, u huma għalhekk ġurdikament ineżistenti; iżda mhix nulla l-istess deċiżjoni mingħajr dawk il-kliem. U f'dan is-sens tiċħad it-talba tal-attur. L-ispejjeż, però, jibqgħu mingħajr taxxa; dritt tar-Reġistru jitħallas mill-attur.